2024/1517

28.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1517

tas-27 ta' Mejju 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

(2) Abbażi ta' rieżami ta' dawk il-miżuri, jenħtieġ li l-entrati għal ħames persuni mejta, kif ukoll l-entrata għal individwu addizzjonali wieħed, jitneħħew mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu aġġornati u emendati l-entrati għal 96 persuna fiżika u entità waħda f'dik il-lista.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

[1] ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima A "(Persuni)":

(i) jitħassru s-sitt entrati li ġejjin:

23. Zoulhima CHALICHE;

41. Ali DOUBA;

145. Michel KASSOUHA;

227. Ahmad AL-HAMU;

289. Mahir Burhan Eddine AL-IMAM

337. Mustafa AL-MASALMAH: u

(ii) is-96 entrata li ġejjin huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"3.	Ali MAMLUK (magħruf ukoll bħala Ali Mamlouk; Ali Al-Mamlouk; Abu Ayham) (علي المملوك; أبو أيهم; علي مملوك)	Data tat-twelid: 19.2.1946; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport diplomatiku Nru 983; Sess: raġel	Konsulent Presidenzjali għall-affarijiet tas-sigurtà minn Jannar 2024. Eks Viċi President tar-Repubblika Għarbija Sirjana għall-Affarijiet tas-Sigurtà. Eks Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali. Eks Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Sirjana involut fi vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
9.	Abd al-Fatah (عبد الفتاح) QUDSIYAH (قُدسيّة)	Data tat-twelid: 4.2.1953; Post tat-twelid: Hama, Syria; Passaport diplomatiku Nru D0005788; Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011. Viċi Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Partit Ba'ath. Eks Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Militari Sirjana. Involut fir-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	9.5.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
14.	Brigadier Ġeneral Mohammed BILAL (magħruf ukoll bħala Logutenent Kurunell Muhammad Bilal)	Data tat-twelid: 25.5.1971; Sess: raġel	Bħala uffiċjal għoli fis-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana, huwa jappoġġa lir-reġim Sirjan u huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili mir-reġim. Huwa assoċjat ukoll maċ-Ċentru ta' Riċerka tal-Istudji Xjentifiċi (SSRC) elenkat.	21.10.2014
16.	Faruq (فاروق) (magħruf ukoll bħala Farouq, Farouk) AL SHAR' (الشرع) (magħruf ukoll bħala Al Char', Al Shara	Data tat-twelid: 1.1.1938; Sess: raġel	Eks Viċi President tas-Sirja; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
20.	Bassam (بسام) AL HASSAN (الحسن) (magħruf ukoll bħala Al Hasan)	Data tat-twelid: 6.3.1962; Post tat-twelid: Sheen, Homs, Syria; Grad: Maġġur Ġeneral; Sess: raġel	Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet Strateġiċi; kap tas-Segretarjat Ġenerali tad-Difiża Nazzjonali. Involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili	23.5.2011
31.	Maġġur Ġeneral Tawfiq (توفيق) (magħruf ukoll bħala Tawfik) YOUNES (يونس) (magħruf ukoll bħala Yunes)	Data tat-twelid: 5.1.1956; Sess: raġel	Eks kap tad-Dipartiment għas-Sigurtà Interna tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.8.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
33.	Ayman JABIR (magħruf ukoll bħala Aiman Jaber) (أيمن جابر)	Data tat-twelid: 17.1.1967; Post tat-twelid: Latakia, Syria; Sess: raġel	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, involut fis-setturi tal-azzar, tal-mezzi tax-xandir, tal-oġġetti ta' konsum u taż-żejt, inkluż fil-kummerċ f'dawk il-prodotti. Għandu interessi finanzjarji u/jew karigi eżekuttivi għoljin f'għadd ta' kumpaniji u entitajiet fis-Sirja, b'mod partikolari l-Al Jazira (magħruf ukoll bħala Al Jazerra; El Jazireh), Dunia TV u Sama Satellite Channel. Permezz tal-kumpanija tiegħu Al Jazira, Ayman Jabir iffaċilita l-importazzjoni taż-żejt minn Overseas Petroleum Trading għas-Sirja. Ayman Jabir jibbenefika mir-reġim Sirjan u jagħtih appoġġ, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Jipprovdi appoġġ dirett u jaqdi rwol ewlieni f'attivitajiet ta' milizzji affiljati mar-reġim magħrufa bħala x-Shabiha u/jew Suqur as-Sahraa. Huwa president onorarju ta' 'Wafa lil-Watan' (lealtà lejn art twelidna), li hija assoċjazzjoni li tipprovdi għajnuna lill-familji ta' suldati u milizzji Sirjani. Soċju ta' Rami Makhlouf permezz tal-attivitajiet tiegħu ta' negozju u soċju ta' Maher al-Assad permezz tar-rwol tiegħu f'milizzji affiljati mar-reġim.	27.1.2015
34.	Hayel (هيل) AL-ASSAD (الأسد) (magħruf ukoll bħala Hael al-Asad (هيثم الأسد))	Data tat-twelid: 8.9.1968; Sess: raġel	Assistent ta' Maher al-Assad; Kap tal-unità tal-pulizija militari tar-Raba' Diviżjoni tal-armata, involuta fir-repressjoni.	23.8.2011
37.	Brigadier Ġeneral Rafiq (رفيق) (magħruf ukoll bħala Rafeeq) SHAHADAH (شحادة) (magħruf ukoll bħala Shahada, Shahade, Shahadeh, Chahada, Chahade, Chahadeh, Chahada)	Data tat-twelid: 5.1.1956; Post tat-twelid: Jablah, Latakia Province, Syria; Sess: raġel	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011. Ex-Kap tal-Fergħa 293 (Affarijiet Interni) tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Damasku. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku. Konsulent għall-President Bashar al-Assad għal kwistjonijiet strateġiċi u ta' intelligence militari.	23.8.2011

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1517/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
46.	Brigadier Ġeneral Ghassan (غسان) KHALIL (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel)	Data tat-twelid: 3.5.1957; Sess: raġel	Kap tal-Fergħa tal-Informazzjoni tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali. Involut direttament fir-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
48.	Samir HASSAN (سمير حسن)	Data tat-twelid: 10.8.1953; Sess: raġel	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja. Għandu interessi fi u/jew għandu influwenza sinifikanti f'Amir Group u Cham Holding, żewġ konglomerati b'interessi fis-setturi tal-proprjetà, it-turiżmu, it-trasport u l-finanzi. President tal-Kunsill tan-Negozju Sirja-Russja u għandu rwol sinifikanti fir-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Federazzjoni Russa permezz tal-Kunsill tan-Negozju Sirja-Russja. Samir Hassan jappoġġa l-isforz ta' gwerra tar-reġim Sirjan permezz ta' donazzjonijiet ta' flus. Samir Hassan huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw mir-reġim u jappoġġawh. B'mod partikolari, huwa assoċjat ma' Rami Makhlouf u Issam Anbouba, li ġew dożinjati mill-Kunsill u jibbenefikaw mir-reġim Sirjan.	27.9.2014
49.	Fares (فارس) CHEHABI (شهابي) (magħruf ukoll bħala Fares Shihabi; Fares Chihabi)	Iben Ahmad Chehabi; Data tat-twelid: 7.9.1972; Sess: raġel	President tal-Kamra tal-Industrija ta' Aleppo; President tal-Federazzjoni tal-Kmamar tal-Industrija mis-16.12.2018. Viċi President ta' Cham Holding. Jipprovdi appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan. Membru tal-Parlament Sirjan mill-2016.	2.9.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
51.	Issam (عصام) ANBOUBA (النبوبـــا)	President ta' Anbouba for Agricultural Industries Co.; Data tat-twelid: 18.3.1952; Post tat-twelid: Homs, Syria; Sess: raġel	Negozjant prominenti attiv f'setturi differenti tal-ekonomija Sirjana, bħall-agrikoltura, il-proprjetà immobbli u s-settur bankarju. Għandu relazzjonijiet finanzjarji ma' uffiċjali ta' grad għoli Sirjani. Kofundatur ta' Cham Holding.	2.9.2011
56.	Ali (علي) Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) AYYUB (أيوب) (magħruf ukoll bħala Ayyoub, Ayub, Ayoub, Ayob)	Data tat-twelid: 28.4.1952; Post tat-twelid: Lattakia, Syria; Sess: raġel	Eks Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri u eks Ministru għad-Difiża. Uffiċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011. Eks Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati Sirjani. Persuna li tappoġġa r-reġim Sirjan u responsabbli għar-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja u tal-vjolenza kontriha.	14.11.2011
58.	Maġġur Ġeneral Aous (أوس) (magħruf ukoll bħala Aws, Aus) 'Ali' ASLAN (اصلان)	Data tat-twelid: 9.12.1958; Sess: raġel	Uffiċjal ta' grad għoli. Persuna viċin Maher al-Assad u tal-President Bashar al-Assad. Karigi preċedenti: Kmandant tal-40 Brigata (ir-Raba' Diviżjoni) bejn l-2011 u l-2014; viċi Kmandant tar-Raba' Diviżjoni fl-2015; Kmandant tat-Tieni Korp fl-2016. Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja, inkluż arresti arbitrarji, qtil tal-massa u spostamenti furzati tal-popolazzjoni ċivili.	14.11.2011
59.	Ġeneral Ghassan (غسان) BELAL (بـــلال) (magħruf ukoll bħala Bilal)	Data tat-twelid: 19.9.1966; Sess: raġel	Kap tar-Raba' Diviżjoni tal-Uffiċċju tas-Sigurtà, kap tal-555 riġment tal-paraxutisti. Konsulent ta' Maher al-Assad u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja u involut f'bosta ksur tal-waqfien mill-ġlied f'Ghouta.	14.11.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
64.	Mujahed (مجاهد) ISMAIL (اسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismael)	Data tat-twelid: 1.1.1977; Sess: raġel	Membru tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' intelligence tal-armata territorjali). Involut fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
66.	Maġġur Ġeneral Kifah (كفاح) MOULHEM (ملحم) (magħruf ukoll bħala Moulhim, Mulhem, Mulhim, Milhem)	Data tat-twelid: 28.11.1961; Post tat-twelid: Junaynat Ruslan, Tartous province, Syria; Sess: raġel	Kap tal-uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali minn Jannar 2024. Eks kap tad-Direttorat tal-Intelligence Militari li kien maħtur f'Marzu 2019. Eks Kap tal-Kumitat tas-Sigurtà fir-reġjun tan-Nofsinhar u Eks Viċi Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Militari, fejn mexxa l-operazzjoni tar-reġim fir-reġjuni ta' Homs u Aleppo. Responsabbli għar-repressjoni konta l-popolazzjoni ċivili f'Deir ez-Zor u l-individwu prinċipali responsabbli għar-repressjoni vjolenti mwettqa mid-Direttorat tal-Intelligence Militari (Fergħa 248) matul l-2011 u l-2012 kif ukoll għal tortura u ksur serju fuq id-detenuti.	14.11.2011
77.	Brigadier Khalil (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel) ZGHRAYBIH (زغريه،زغريــه) (magħruf ukoll bħala Zghraybeh, Zghraybe, Zghrayba, Zghraybah, Zaghraybeh, Zaghraybe, Zaghrayba, Zaghraybah, Zeghraybeh, Zeghraybe, Zeghrayba, Zeghraybah, Zughraybeh, Zughraybe, Zughrayba, Zughraybah, Zighraybeh, Zighraybe, Zighrayba, Zighraybah)	Data tat-twelid: 4.2.1955; Sess: raġel	L-14-il Diviżjoni. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
82.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) AL-SHAAR (الشعار) (magħruf ukoll bħala al-Chaar, al-Sha'ar, al-Cha'ar)	Data tat-twelid: 1.10.1950; Sess: raġel	Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
87.	Maġġur Ġeneral Ramadan (رمضان) Mahmoud (محمود) RAMADAN (رمضان)	Data tat-twelid: 10.3.1962; Kariga: Kmandant tal-35 Riġment ta' Forzi Speċjali; Sess: raġel	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Baniyas u Deraa.	23.1.2012
89.	Maġġur Ġeneral Naim (نعيم) (magħruf ukoll bħala Naaeem, Naeem, Na'eem, Naaim, Na'im) Jasem (جاسم) SULEIMAN (سليمان)	Data tat-twelid: 16.2.1954; Kariga: Kmandant tat-Tielet Diviżjoni; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Douma.	23.1.2012
91.	Maġġur Ġeneral Fo'ad (فواد) (magħruf ukoll bħala Fouad, Fu'ad) HAMOUDEH (حمودة) (magħruf ukoll bħala Hammoudeh, Hammoude, Hammouda, Hammoudah)	Data tat-twelid: 3.10.1955; Kariga: Kmandant tal-operazzjonijiet militari f'Idlib; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Idlib fil-bidu ta' Settembru 2011.	23.1.2012
93.	Brigadier Ġeneral Ghassan (غسان) AFIF (عفيف) (magħruf ukoll bħala Afeef)	Data tat-twelid: 10.2.1958; Kariga: Kmandant tal-45 Riġment; Sess: raġel	Kmandant tal-operazzjonijiet militari f'Homs, Baniyas u Idlib.	23.1.2012

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1517/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
99.	Maġġur Ġeneral Mohamed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) KHADDOR (خضور) (magħruf ukoll bħala Khaddour, Khaddur, Khadour, Khudour)	Data tat-twelid: 13.1.1976; Kariga: Kmandant tal-106 Brigata, Gwardja Presidenzjali; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex isawtu d-dimostranti bil-bsaten u mbagħad jarrestawhom. Responsabbli għar-repressjoni ta' dimostranti paċifiċi f'Douma.	23.1.2012
102.	Ahmed (أحمد) (magħruf ukoll bħala Ahmad) DIBE (ديب) (magħruf ukoll bħala Dib, Deeb)	Kap tal-Fergħa Reġjonali ta' Deraa (Direttorat għas-Sigurtà Ġenerali); Data tat-twelid: 15.11.1961; Sess: raġel	Bħala Kap tal-Fergħa Reġjonali ta' Deraa tad-Direttorat għas-Sigurtà Ġenerali, responsabbli għal detenzjonijiet arbitrarji u tortura ta' detenuti f'Deraa.	23.1.2012
108.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) AL-JLEILATI (الجليلاتي, جليلاتي)	Data tat-twelid: 13.6.1945; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Il-Ministru għall-Finanzi ta' qabel, fil-kariga sad-9.2.2013. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.12.2011
112.	Hussein (حسين) (magħruf ukoll bħala Hussain) Mahmoud (محمود) FARZAT (فرزات) (magħruf ukoll bħala: Hussein Mahmud Farzat)	Data tat-twelid: 6.9.1957; Post tat-twelid: Hama, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat fil-kariga sa mill-inqas l-2014. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.3.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
113.	Mansour (منصور) Fadlallah (فضل الله) AZZAM (عزام) (magħruf ukoll bħala: Mansur Fadl Allah Azzam)	Data tat-twelid: 15.3.1960; Post tat-twelid: Sweida Province, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Affarijiet tal-Presidenza. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	27.2.2012
126.	Bouthaina (بثينة) SHAABAN (شعبان) (magħrufa wkoll bħala Buthaina Shaaban)	Data tat-twelid: 1.4.1953; Post tat-twelid: Homs, Syria; Sess: mara	Konsulent dwar il-Politika u l-Media għall-President minn Lulju 2008 'l quddiem u bħala tali assoċjat mat-trażżin vjolenti tal-popolazzjoni ċivili.	26.6.2012
127.	Brigadier General Sha'afiq (شفيق) (magħruf ukoll bħala Shafiq, Shafik) MASA (ماسا) (magħruf ukoll bħala Massa)	Data tat-twelid: 5.7.1956; Post tat-twelid: Al-Zara (Hama), Syria; Sess: raġel	Direttur tal-fergħa 215 (Damasku) tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti. Involut f'azzjonijiet ta' repressjoni kontra ċ-ċittadini.	24.7.2012
130.	Brigadier Ġeneral Muhammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammed) KHALLOUF (خلوف) (magħruf ukoll bħala Abou Ezzat)	Data tat-twelid: 2.11.1946; Sess: raġel	Eks Kap tal-Fergħa 235 (2009-2014), imsejħa 'Palestina' (Damasku) tas-servizz tal-intelligence tal-armata, li tinsab fil-qalba tal-mezzi repressivi tal-armata. Involut direttament fir-repressjoni tal-avversarji. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
133.	Brigadier Ġeneral Jawdat (جودت) AL-AHMED (الأحمد) (magħruf ukoll bħala al-Ahmad)	Data tat-twelid: 8.2.1958; Post tat-twelid: Qardaha, Lattakia province, Syria; Sess: raġel	Kap tal-Fergħa ta' Homs tas-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana. Responsabbli għat-tortura ta' avversarji detenuti kif ukoll tal-qtil ta' dimostranti paċifiċi.	24.7.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
134.	Kurunell Qusay Ibrahim MIHOUB (قصي إبراهيم مهوب)	Data tat-twelid: 15.4.1961; Post tat-twelid: Derghamo, Jableh, Lattakia, Syria; Sess: raġel	Uffiċjal ta' grad għoli tas-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana. Eks Kap tal-fergħa ta' Deraa tas-servizz tal-intelligence tal-forza tal-ajru (mibgħut minn Damasku għal Deraa fil-bidu tad-dimostrazzjonijiet f'din il-belt). Responsabbli għat-tortura ta' avversarji detenuti kif ukoll għar-repressjoni vjolenti ta' protesti paċifiċi fir-reġjun tan-nofsinhar.	24.7.2012
139.	Maġġur Ġeneral Hussam LUQA (magħruf ukoll bħala Husam, Housam, Houssam; Louqa, Louca, Louka, Luka) (لوقا حسام)	Data tat-twelid: 20.9.1960; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Kap tal-Kumitat tas-Sigurtà tar-Reġjun tan-Nofsinhar mill-2018 sal-2020. Eks Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali. Maġġur Ġeneral. Minn April 2012 sat-2 ta' Diċembru 2018, kien il-kap tal-fergħa ta' Homs tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika (issuċċeda lill-Brigadier Ġeneral Nasr al-Ali). Mit-3 ta' Diċembru 2018, kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika. Direttur tad-Dipartiment tal-Intelligence Ġenerali mill-2019. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
146.	Ġeneral Ghassan Jaoudat ISMAIL (magħruf ukoll bħala Ismael) (غسان جودت اسماعيل)	Data tat-twelid: 3.1.1959; Post tat-twelid: Junaynat Ruslan – Darkoush, Tartous region, Syria; Sess: raġel	Eks Kap tas-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana; Eks viċi direttur tas-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru u kien responsabbli mill-fergħa tal-missjonijiet tas-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru, li f'kooperazzjoni mal-fergħa tal-operazzjonijiet speċjali, tmexxi t-truppi élite tas-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru, li għandhom rwol importanti fir-repressjoni mwettqa mir-reġim Sirjan. Bħala tali, Ghassan Jaoudat Ismail huwa wieħed mill-mexxejja militari ewlenin li direttament iwettqu r-repressjoni mir-reġim Sirjan kontra l-oppożizzjoni, kif ukoll prattiki ta' għajbien ta' persuni ċivili.	24.7.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
148.	Ġeneral Mohammed (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammad) Ali (علي) NASR (نصر) (magħruf ukoll bħala Mohammed Ali Naser)	Data tat-twelid: 8.10.1964; Sess: raġel	Qrib ta' Maher al Assad, wieħed mill-aħwa ż-żgħar tal-President Bashar al-Assad. Għamel il-parti l-kbira tal-karriera tiegħu fil-Gwardja Repubblikana. Fl-2010 ingħaqad mal-Fergħa interna (il-Fergħa 251) tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence, li huwa responsabbli għall-ġlieda kontra l-oppożizzjoni politika. Bħala wieħed mill-uffiċjali anzjani tiegħu, il-Ġeneral Mohammed Ali Nasr huwa involut direttament fir-repressjoni kontra l-avversarji.	24.7.2012
151.	Samir (سمير) (magħruf ukoll bħala Sameer) JOUMAA (جمعة) (magħruf ukoll bħala Jumaa, Jum'a, Joum'a) (magħruf ukoll bħala Abou Sami)	Data tat-twelid: 8.3.1962; Sess: raġel	Ilu madwar 20 sena kap tal-uffiċċju ta' Mohammad Nassif Kheir Bek, wieħed mill-kunsillieri tas-sigurtà ewlenin tal-President Bashar al-Assad (u uffiċjalment deputat għall-Viċi President Farouk Al-Sharaa). Il-fatt li huwa qrib tal-President' Bashar al-Assad u Muhammad Nassif Kheir Bek ifisser li hu implikat fil-politika ta' repressjoni mmexxija mir-reġim Sirjan kontra l-avversarji tiegħu.	24.7.2012
155.	Dr. Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Abdul-Sattar (عبد الستار) (magħruf ukoll bħala Abd al-Sattar) AL SAYED (السيد) (magħruf ukoll bħala Al Sayyed)	Data tat-twelid: 23.12.1958; Post tat-twelid: Tartous, Syria; Sess: raġel	Ministru għad-Doti Reliġjużi. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
158.	Subhi (صبحي) Ahmad (احمد) AL ABDALLAH (العبدالله) (magħruf ukoll bħala al-Abdullah)	Data tat-twelid: 17.8.1951; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Agrikoltura u r-Riforma Agrarja. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1517/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
160.	Dr. Hazwan (هزوان) AL WEZ (الوز) (magħruf ukoll bħala Al Wazz)	Data tat-twelid: 7.3.1962; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Edukazzjoni, maħtur f'Lulju 2016. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
162.	Dr. Mahmoud (محمود) Ibraheem (إبـــراهيم) (magħruf ukoll bħala Ibrahim) SA'IID (ســـعيد) (magħruf ukoll bħala Said, Sa'eed, Saeed)	Data tat-twelid: 30.5.1953; Post tat-twelid: Lattakia, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għat-Trasport fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
163.	Dr. Safwan (صفوان) AL ASSAF (العساف)	Data tat-twelid: 13.3.1959; Sess: raġel	Eks Ministru għad-Djar u l-Iżvilupp Urban. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
164.	Yasser (ياسر) (magħruf ukoll bħala Yaser) AL SIBA'II (السباعي) (magħruf ukoll bħala al-Sibai, al-Siba'i, al Sibaei)	Data tat-twelid: 26.3.1951; Sess: raġel	Eks Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
165.	Sa'iid (سعيد) (magħruf ukoll bħala Sa'id, Sa'eed, Saeed) MA'THI (معـذى) (magħruf ukoll bħala Mu'zi, Mu'dhi, Ma'dhi, Ma'zi, Maazi) Hneidi (هنيدي)	Data tat-twelid: 5.9.1954; Sess: raġel	Eks Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
172.	Ali HADAR (magħruf ukoll bħala HAIDAR)	Data tat-twelid: 21.7.1962; Sess: raġel	Kap tal-Aġenzija Nazzjonali għar-Rikonċiljazzjoni u eks Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Nazzjonali ta' Rikonċiljazzjoni. President tal-fergħa Intifada tal-Partit Nazzjonalista Soċjali Sirjan. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
188.	Bishr Riyad YAZIGI	Data tat-twelid: 13.11.1972; Sess: raġel	Konsulent tal-President Bashar al-Assad. Eks Ministru għat-Turiżmu. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	24.6.2014
190.	Hussein ARNOUS (magħruf ukoll bħala Arnus) (نيسح سونرع)	Data tat-twelid: 1.1.1953; Post tat-twelid: Idleb, Syria; Sess: raġel	Prim Ministru. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	24.6.2014
193.	Suhayl (magħruf ukoll bħala Sohail, Suhail, Suheil) HASSAN (magħruf ukoll bħala Hasan, al-Hasan, al-Hassan) magħruf bħala 'The Tiger' (magħruf ukoll bħala al-Nimr)	Data tat-twelid: 10.6.1970; Post tat-twelid: Jableh, Latakia Province, Syria; Grad: Maġġur Ġeneral; Kariga: Kmandant ta' Qawat al-Nimr (Diviżjoni 25 tal-Forzi tal-Missjonijiet Speċjali, li qabel kienet magħrufa bħala Tiger Forces); Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fl-Armata Sirjana wara Mejju 2011. Kmandant tad-diviżjoni tal-armata magħrufa bħala 'Tiger Forces'. Minn Awwissu 2019, it-'Tiger Forces' ingħataw l-isem ġdid 'Division 25 Special Mission Forces' (Diviżjoni 25 tal-Forzi tal-Missjonijiet Speċjali) u tqiegħdu taħt il-kmand ċentrali tal-armata. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.7.2014
204.	Emad HAMSHO (magħruf ukoll bħala Imad Hmisho; Hamchu; Hamcho; Hamisho; Hmeisho; Hemasho, وشيمح) (دامع وشمح)	Data tat-twelid: 10.8. 1960; Indirizz: Hamsho Building 31 Baghdad Street, Damascus, Syria; Sess: raġel	Jokkupa kariga maniġerjali għolja f'Hamsho Trading. Bħala riżultat tal-kariga għolja tiegħu f'Hamsho Trading, sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżinjata mill-Kunsill, huwa jappoġġa lir-reġim Sirjan u huwa assoċjat ma' dik l-entità. Huwa Viċi President tal-Kunsill Sirjan tal-Ħadid u l-Azzar flimkien ma' negozjanti tar-reġim iddeżinjati bħal Ayman Jabir. L-assi ta' Hamsho jinkludu Syrian Metal Industries, impjant tal-azzar barra Damasku, li Hamsho forniet bi skrapp tal-metall misruq minn milizzji favur il-gvern matul il-gwerra. Huwa wkoll soċju tal-President Bashar al-Assad.	7.3.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
206.	Ġeneral Maġġur Muhamad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad) MAHALLA (محلا) (magħruf ukoll bħala Mahla, Mualla, Maalla, Muhalla)	Data tat-twelid: 4.6.1959; Post tat-twelid: Jableh, Syria; Sess: raġel	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011. Eks Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI), Fergħa 293 (Affarijiet Interni), minn April 2015. Responsabbli għar-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-vjolenza kontriha f'Damasku/fil-Kampanja ta' Damasku. Eks Viċi Kap tas-Sigurtà Politika (2012), Uffiċjal tal-Gwardja Repubblikana Sirjana u Viċi Direttur tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika. Eks Kap tal-Pulizija Militari, Membru tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali.	29.5.2015
207.	Adib SALAMEH (magħruf ukoll bħala Adib Salamah; Adib Salama; Adib Salame; Mohammed Adib Salameh; Adib Nimr Salameh) (اديب نمر سلامة)	Kariga: Maġġur Ġeneral, Viċi Direttur tad-Direttorat tal-Intelligence tal-Forzi tal-Ajru f'Damasku; Data tat-twelid: 26.11.1953; Sess: raġel	Membru tas-servizzi Sirjani tas-sigurtà u l-intelligence fil-kariga wara Mejju 2011; Viċi Direttur tad-Direttorat tal-Intelligence tal-Forzi tal-Ajru f'Damasku; qabel kien il-Kap tal-Intelligence tal-Forzi tal-Ajru f'Aleppo. Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Kurunell u l-grad ekwivalenti jew ogħla fil-kariga wara Mejju 2011; għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, permezz tal-ippjanar ta' u l-involviment f'attakki militari f'Aleppo u l-awtorità tiegħu fuq l-arrest u d-detenzjoni ta' persuni ċivili.	28.10.2016
209.	Jawdat Salbi MAWAS (magħruf ukoll bħala Jawdat Salibi Mawwas; Jawdat Salibi Mawwaz) (جودت صلبي مواس)	Kariga: Maġġur Ġeneral; Data tat-twelid: 4.6.1954; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli fid-Direttorat Sirjan tal-Artillerija u l-Missili tal-Forzi Armati Sirjani, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal għoli tad-Direttorat Sirjan tal-Artillerija u l-Missili, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili, inkluż l-użu ta' missili u armi kimiċi mill-Brigati taħt il-kmand tiegħu f'żoni ċivili b'densità għolja ta' popolazzjoni f'Ghouta fl-2013.	28.10.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
210.	Tahir (طاهر) Hamid (حامد) KHALIL (خليل) (magħruf ukoll bħala Tahir Hamid Khali; Khalil Tahir Hamid)	Kariga: Maġġur Ġeneral; Data tat-twelid: 3.7.1955; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, Kap tad-Direttorat Sirjan tal-Artillerija u l-Missili tal-Forzi Armati Sirjani, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal għoli tad-Direttorat Sirjan tal-Artillerija u l-Missili, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili, inkluż l-użu ta' missili u armi kimiċi mill-Brigati taħt il-kmand tiegħu f'żoni ċivili b'densità għolja ta' popolazzjoni f'Ghouta fl-2013.	28.10.2016
